IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.2.2013
COM(2013) 88 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-kwalità tad-dejta fiskali rrapportata mill-Istati Membri fl-2012

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-kwalità tad-dejta fiskali rrapportata mill-Istati Membri fl-2012

WERREJ

1. SFOND ... 3
2. IS-SEJBIET EWLENIN TAR-RAPPURTAR TAL-2012 TAD-DEFIĊIT U L-LIVELLI TAD-DEJN TAL-GVERN ... 3
2.1. Prontezza, affidabbiltà u kompletezza ... 3
2.1.1. Prontezza ... 3
2.1.2. Affidabbiltà ... 4
2.1.3. Il-kompletezza tat-tabelli u l-informazzjoni ta' sostenn ... 4
2.1.4. Tabelli supplimentari b'rabta mal-kriżi finanzjarja ... 5
2.1.5. Kwestjonarju dwar is-self intergovernmentali ... 6
2.2. Konformità mar-regoli tal-kontabbiltà u konsistenza mad-dejta statistika ... 6
2.2.1. Skambju ta' informazzjoni u kjarifiki ... 6
2.2.2. Żjajjar metodoloġiċi u ta' djalogu ... 6
2.2.3. Pariri speċifiċi mill-Eurostat ... 7
2.2.4. Kwistjonijiet metodoloġiċi riċenti ... 8
2.2.5. Konsistenza fil-kontijiet sostenenti tal-gvern ... 8
2.3. Pubblikazzjoni ... 9
2.3.1. Pubblikazzjoni taċ-ċifri titolari u tabelli tar-rappurtar dettaljati ... 9
2.3.2. Riżervi dwar il-kwalità tad-dejta ... 9
2.3.3. Emendi tad-dejta rrapportata ... 10
2.3.4. Pubblikazzjoni tal-metadejta (inventarji) ... 10
3. Konklużjoni ... 10

1. SFOND

L-Artikolu 8(30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 (emendat bir-Regolament (KE) Nru 679/2010), dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea[1] jirrikjedi lill-Kummissjoni (Eurostat) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Eurostat") li tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kwalità tad-dejta attwali rrapportata mill-Istati Membri. Dan ir-rapport annwali jipprovdi valutazzjoni kumplessiva tal-prontezza, l-affidabbiltà, il-kompletezza, il-konformità mar-regoli tal-kontabbiltà u l-konsistenza tad-dejta. Ir-rapport preċedenti (dwar in-notifiki tal-2011), il-Kummissjoni adottatu fit-13 ta' April 2012.

L-Eurostat jivvaluta regolarment il-kwalità tad-dejta attwali rrapportata mill-Istati Membri u tal-kontijiet settorjali sostenenti tal-gvern ġenerali ikkompilata skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ESA95)[2]. Din il-ħidma tiffoka fuq il-fatturi li jispjegaw id-defiċit/eċċess tal-gvern ġenerali u l-bidla fid-dejn tal-gvern ġenerali. L-Istati Membri jibagħtu din l-informazzjoni lill-Eurostat darbtejn fis-sena. Din tinkludi wkoll informazzjoni supplimentari bħall-"Kwestjonarju relatat mat-tabelli tan-notifika tal-EDP", it-"Tabella supplimentari għall-kriżi finanzjarja" u kjarifiki bilaterali mill-Istati Membri. L-Eurostat iżomm ukoll djalogu kontinwu mal-Istati Membri billi jwettaq żjarat ta' djalogu regolari dwar l-EDP.

Dan ir-rapport issejjes fuq is-sejbiet u r-riżultati ewlenin tar-rappurtar tal-EDP fl-2012, b'konċentrazzjoni fuq l-aktar eżerċizzju riċenti ta' Ottubru 2012. Fejn jixraq, isir tqabbil mar-rappurtar ta' April 2012, u anki mar-rappurtar tal-2011.

2. IS-SEJBIET EWLENIN TAR-RAPPURTAR TAL-2012 TAD-DEFIĊIT U L-LIVELLI TAD-DEJN TAL-GVERN

2.1. Prontezza, affidabbiltà u kompletezza

2.1.1. Prontezza

L-Istati Membri huma mitlba li jirrapportaw id-dejta attwali u ppjanata tal-EPD lill-Kummissjoni darbtejn fis-sena, qabel l-1 ta' April u l-1 ta' Ottubru[3]. Matul l-2012, ir-rappurtar tal-EDP kopra s-snin mill-2008 sal-2012. Iċ-ċifri għall-2012 huma dawk ippjanati mill-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li ċ-ċifri mill-2008 sal-2011 huwa dejta attwali (jiġifieri ċifri finalizzati, semifinalizzati, proviżorji jew stmati). L-Eurostat ma jiċċekkjax id-dejta ppjanata rrappurtata mill-Istati Membri. Din hija r-responsabbiltà tad-DĠ ECFIN.

Il-konformità mal-iskadenzi tar-rappurtar normalment hija waħda tajba ħafna. Fl-2012, l-Istati Membri kollha rrappurtaw id-dejta attwali tagħhom qabel l-iskadenza legali fiż-żewġ nofitiki tal-EDP. F'dak li jirrigwardja d-dejta ppjanata, fl-eżerċizzju tar-rappurtar ta' April 2011, l-Istati Membri kollha rrappurtaw iċ-ċifri tagħhom qabel l-1 ta' April 2011, għajr Franza, li bagħtet id-dejta ppjanata għas-sena 2012 fis-6 ta' April.

1 ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.
2 ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.
3 L-Artikoli 3 (1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, kif emendat.

2.1.2. *Affidabbiltà*

Ir-reviżjonijiet bejn in-notifiki ta' April 2012 u Ottubru 2012 saru l-aktar minħabba aġġornament tad-dejta sors, ir-riklassifikazzjoni tas-setturi tal-unitajiet, id-dokumentazzjoni tal-interventi mittieħda mill-gvernijiet fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u bidliet metodoloġiċi. Bħas-soltu, id-dejn ġie revedut anqas mid-defiċit bejn April u Ottubru.

L-akbar reviżjonijiet fid-defiċit seħħew fi Spanja u l-Irlanda. Fi Spanja, id-defiċit ġie revedut 'il fuq bejn in-notifiki tal-EDP ta' April u Ottubru 2012 għas-snin 2010 u 2011 minħabba l-kontijiet mhux imħallsa li ma kinux ġew dokumentati qabel konnessi man-nefqa fuq is-saħħa fis-subsetturi tal-istati u l-gvern lokali u minħabba l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-injezzjonijiet kapitali mill-gvern ċentrali fi tliet banek. Fl-Irlanda, l-akbar reviżjoni seħħet fir-rigward tas-sena 2011, fejn id-defiċit ġie revedut 'il fuq minħabba trasferiment ta' kapital revedut f'elememt ta' injezzjonijiet f'żewġ banek.

Fil-każ tad-dejn, l-akbar reviżjonijiet bejn April u Ottubru seħħew fir-Renju Unit u fl-Italja. Fir-Renju Unit, id-dejn irrappurtat għas-snin 2008 u 2009 naqas konsiderevolment minħabba bidla fil-kalkolu tal-impatt relevanti tal-istrutturi pubbliki ta' annullament (defeasance), filwaqt li fl-Italja d-dejn ġie revedut 'il fuq għall-perjodu kollu 2008-2011 minħabba l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Eurostat dwar id-dokumentazzjoni tal-krediti kummerċjali.

Bejn April u Ottubru, kien hemm reviżjonijiet ċari fil-PGD tal-Greċja għas-snin 2010 u 2011 u tal-Lussemburgu għas-snin 2008 u 2009.

Fir-rigward tar-reviżjonijiet li seħħew fi żmien il-perjodu ta' notifika, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrevedew ir-rappurtar tagħhom wara l-ewwel sottomissjoni f'Ottubru 2012. Intbagħtu 35 reviżjoni minn 23 pajjiż, filwaqt li f'April 2012, intbagħtu 38 sottomissjoni reveduta minn 22 pajjiż. L-Istati Membri bagħtu l-biċċa l-kbira tas-sottomissjonijiet reveduti b'rispons għall-kummenti, il-mistoqsijiet tekniċi jew ir-rimarki tal-Eurostat, u dawn ikkonċernaw il-kompletezza ta' xi dejta nieqsa, korrezzjonijiet ta' żbalji tekniċi, inkonsistenzi interni, aġġustamenti pprovduti fit-tabelli ta' nofitika jew il-kwestjonarju relatat jew dokumentazzjoni mhux xierqa fit-tabelli.

Fir-rappurtar ta' April u Ottubru, is-sottomissjonijiet reveduti fil-perjodu tan-notifika ma biddlux wisq il-livelli tad-defiċit u d-dejn li kienu ġew oriġinarjament irrapportati mill-Istati Membri, għajr għar-rappurtar ta' Ottubru, fejn iċ-ċifri tad-defiċit ġew reveduti b'0,2 punti perċentwali (pp) tal-PGD matul il-perjodu tan-notifika fil-każ tal-Irlanda.

2.1.3. *Il-kompletezza tat-tabelli u l-informazzjoni ta' sostenn*

Il-kompletezza tat-tabelli tar-rappurtar hija obbligu legali u hija essenzjali għall-valutazzjoni xierqa tal-kwalità tad-dejta mill-Eurostat. L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 kif emendat, jispeċifika li l-Istati Memrbi għandhom jipprovdu lill-Eurostat l-informazzjoni statistika rilevanti, li *"(...) b'mod partikolari (...) tfisser:*

(a) dejta mill-kontijiet nazzjonali;

(b) Inventarji ;

(c) Tabelli tan-notifika tal-EDP;

(d) *Kwestjonarji u kjarifika addizzjonali relatati man-notifiki."*

Hemm erba' tabelli ewlenin tan-notifika tal-EDP. Il-kompletezza tat-tabelli tal-EDP minn 1 sa 3 hija obbligu legali, filwaqt li r-rappurtar tat-Tabella 4 tal-EDP qablu fuqha l-Istati Membri[4]. It-Tabelli 1 u 2A (gvern ċentrali) jkopru s-snin mill-2008 sal-2012, filwaqt li t-tabelli l-oħrajn ikopru s-snin mill-2008 sal-2011[5].

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri lestew it-tabelli ta' notifika kollha tal-EDP[6]. Madankollu, fir-rappurtar ta' Ottubru 2012, fil-każ tat-Tabell 2, tliet Stati Membri jew ma pprovdewx id-dettalji kollha dwar ir-rabta bejn il-bilanċ tax-xogħol u d-deficit/eċċess tal-EDP għas-sottosetturi kollha (l-aktar għall-gvern lokali) jew għas-snin kollha, jew inkella rrappurtaw bilanċi tax-xogħol ugwali għad-defiċit/eċċess tal-EDP.

Għat-tabella 3 tal-EDP, mhux l-Istati Membri kollha pprovdew id-dettalji statistiċi kollha. B'mod partikolari, id-dettalji rikjesti taħt it-tili "self" u "ekwità" mhux dejjem ġew irrappurtati. Barra minn hekk, għadd ta' pajjiżi jużaw il-prassi li jirraportaw diskrepanza statistika ta' żero, li normalment tkun tfisser li d-diskrepanza hija inkluża skorrettement taħt "kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli".

Minkejja t-titjib miksub f'xi Stati Membri, il-kopertura kumplessiva tat-Tabella 4 baqgħet inadegwata f'bosta każijiet. B'mod partikolari, għadd ta' pajjiżi mhux qed jipprovdu dejta kompleta għall-istokk ta' responsabbiltajiet ta' krediti kummerċjali u avvanzi.

L-Istati Membri kollha ressqu risposti għall-"Kwestjonarju relatat man-notifiki tat-tabelli"[7]. Minkejja li l-kopertura u l-kwalità tat-tweġibiet kompliet titjieb meta mqabbla mas-snin l-imgħoddija, għad hemm il-ħtieġa ta' progress, peress li xi pajjiżi ma rrapportawx id-dettalji kollha mitluba fil-kwestjonarju. Dan japplika b'mod notevoli għad-dejta dwar il-pretensjonijiet tal-gvern ċentrali u l-kanċellazzjonijiet tad-dejn, id-dettalji statistiċi ta' kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli u d-dokumentazzjoni ta' garanziji tal-gvern (l-aktar il-kopertura tas-sottosettur tal-gvern lokali).

Il-kompletezza tat-tabelli tal-EDP għad tista' tittejjeb. Mandankollu, l-kwistjonijiet li jibqa' mistennija jkollhom impatt minimu fuq il-kwalità tad-dejta.

2.1.4. *Tabelli supplimentari b'rabta mal-kriżi finanzjarja*

L-Eurostat ilu jiġbor sett ta' dejta dwar il-kriżi finanzjarja f'tabella supplimentari mill-15 ta' Lulju 2009. Il-Parti 1 tat-tabella supplimentari hija konnessa mad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet li tiġi dokumentata fil-kont tad-dħul/infiq tal-gvern u għandha impatt attwali fuq id-defiċit/eċċess tal-EDP. Il-Parti 2 tat-tabella supplimentari hija konnessa mal-istokks tal-assi u r-responsabbiltajiet finanzjarji li jirriżultaw mill-appoġġ għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Din tagħraf bejn l-attivitajiet li attwalment ikkontribwew għar-responsabbiltajiet tal-gvern (inkluż id-dejn tal-

4 Ara l-emendi tal-minuti tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 1993.

5 Id-dispożizzjoni tad-dejta ppjanata fit-tabelli tal-EDP għajr it-tabelli 1 u 2a mhix rikjesta b'mod espliċitu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009, kif emendat.

6 It-tabelli ta' notifika tal-EDP irrapportati mill-Istati Membri jinsabu fil-websajt tal-Eurostat. Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/excessive_deficit/edp_notification_tables

7 Dan il-kwestjonarju fih tlettax il-taqsima li jitolbu informazzjoni kwantitattiva u kultant kwalitattiva f'għadd ta' oqsma, bħat-tranżazzjonijiet fit-taxxi u l-kontribuzzjonijiet soċjali u mal-UE, akkwisti ta' tagħmir militari, garanziji tal-gvern, kanċellazzjonijiet tad-dejn, injezzjonijiet kapitali mgħamula mill-gvern f'korporazzjonijiet pubbliċi, Sħubijiet Pubbliċi-Privati, eċċ.

gvern) u l-attivitajiet li jafu jikkontribwixxu għar-responsabbiltajiet tal-gvern fil-futur, li iżda bħalissa jitqiesu bħala kontinġenti ma' avvenimenti future (mhux inklużi fid-dejn tal-gvern). Dawn it-tabelli juru interventi tal-gvern marbuta direttament mal-appoġġ għall-istituzzjonijeit finanzjarji. Il-miżuri ta' appoġġ għall-istitutuzzjonijiet mhux finanzjarji jew l-appoġġ lill-ekonomija ġenerali mhumiex inklużi.

Id-dejta miġbura fl-2012 tirreferi għall-perjodu mill-2007 sal-2011. Il-Membri Kollha għajr seba' (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja) irrappurtaw għadd ta' interventi mittieħda mill-gvern fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja matul il-perjodu 2007-2011. L-Eurostat ippubblika nota biswit l-Istqarrija għall-Istampa dwar l-EDP li tanalizza din id-dejta[8].

2.1.5. *Kwestjonarju dwar is-self intergovernmentali*

B'bidu min-notifika ta' April 2011, l-Istati Membri pprovdew ukoll dejta dwar is-self intergovernmentali fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ finanzjarju. L-Istqarrija għall-Istampa dwar l-EDP tinkludi din l-informazzjoni, li tippermetti analiżi tas-self li l-Istati Membri taw għal operazzjonijiet ta' appoġġ lil Stati Membri oħra (fl-2011, l-aktar lill-Greċja, lill-Irlanda u lill-Portugall).

It-tali self intergovernmentali żdied sew fil-kuntst tal-kriżi finanzjarja u għandu jitnaqqas mill-aggregati tad-dejn ta' Maastricht taż-żona euro u l-UE27, li t-tnejn li huma jiġu kkalkulati fuq bażi konsolidata. Minħabba din il-konsolidazzjoni, l-aggregati taż-żona euro u l-UE27 mhumiex ugwali għas-somma aritmetika tad-dejn tal-Istati Membri (jiġifieri s-self intergovernmentali msemmi hawn fuq bejn il-gvernijiet mhux inkluż, biex nevitaw kontaġġ doppju).

Iċ-ċifri rrapportati fil-kwestjonarju għas-sena 2011 jinkludu l-ammonti konnessi mal-Faċilità Ewropea għall-Istabbiltà Finanzjarja (EFSF).

2.2. Konformità mar-regoli tal-kontabbiltà u konsistenza mad-dejta statistika

2.2.1. *Skambju ta' informazzjoni u kjarifiki*

Matul il-perjodu ta' valutazzjoni bejn l-iskadenza tar-rappurtar tal-1 ta' Ottubru u l-pubblikazzjoni tad-dejta fit-22 ta' Ottubru 2012, l-Eurostat ikkuntattja lill-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali f'kull Stat Membru u talab aktar tagħrif u kjarifika tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kontabbiltà fuq tranżazzjonijiet speċifiċi. Dan il-proċess involva għadd ta' turni ta' korrispondenza bejn l-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali. L-ewwel turn ta' rikjesti għal klarifika ntbagħat lill-pajjiżi kollha qabel il-5 ta' Ottubru. It-tieni turn ta' talbiet intbagħat lil 23 pajjiż u t-tielet turn lil tliet pajjiżi. Fil-każ ta' xi pajjiżi, l-Eurostat talab tabelli ta' notifika reveduti[9].

2.2.2. *Żjajjar metodoloġiċi u ta' djalogu*

Ir-Regolament (KE) nru 479/2009 kif emendat, jipprevedi żjajjar metodoloġiċi u ta' djalogu. Iż-żjajjar ta' djalogu, inklużi dawk hekk imsejħa "upstream dialogue visits", fl-Istati Membri jitwettqu regolarment bl-għan li jirrevedu d-dejta rrapportata, jistħarrġu l-kwistjonijiet metodoloġiċi, jiddiskutu s-sorsi statistiċi u jivvalutaw il-konformità mar-regoli relevanti tal-kontabbiltà, pereżempju fir-rigward tad-

---

[8] Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/Background_note_fin_crisis_Oct_2012_final.pdf

[9] Ara t-Taqsima 2.1

delimitazzjoni tal-gvern ċentrali, iż-żmien tad-dokumentazzjoni u l-klassifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-gvern.

Matul is-sena 2012, l-Eurostat wettaq dawn iż-żjajjar ta' djalogu dwar l-EDP li ġejjin: L-Awstrija (17-19 ta' Jannar, upstream dialogue visit), il-Litwanja (8-9 ta' Frar), il-Latvia (15-16 ta' Frar), il-Bulgarija (27-29 Frar), il-Belġju (5-7 ta' Marzu u 4 ta' Settembru, upstream dialogue visits, u 27 ta' Ġunju żjara ta' djalogu standard), il-Greċja (22-23 ta' Marzu u 24-25 ta' Settembru), is-Slovakkja (3-4 ta' Mejju), ir-Repubblika Ċeka (22-24 ta' Mejju, upstream dialogue visit), Malta (22-23 ta' Mejju), Spanja (18-22 ta' Ġunju and 11-14 ta' Settembru, upstream dialogue visits darbtejn) l-Awstrija (25-26 ta' Ġunju), l-Ungerija (10-11 ta' Lulju), l-Irlanda (30-31 ta' Awwissu), Franza (10-11 ta' Settembru), Ċipru (26 ta' Settembru), ir-Repubblika Ċeka (13-14 ta' Novembru), l-Italja (19-21 ta' Novembru, upstream dialogue visit), il-Portugall (22-23 ta' Novembru) u d-Danimarka (29-30 ta' Novembru). Barra minn hekk, saret żjara teknika fi Spanja fl-24 ta' Mejju 2012 u żewġ żjajjar (teknika u preadeżjonali) fil-Kroazja bħala Stat Membru futur.

Il-kwistjonijiet rikorrenti matul iż-żjajjar inkludew il-klassifikazzjoni tal-unitajiet fi ħdan u lil hinn mis-settur tal-gvern ġenerali (eż. rigward it-trasport pubbliku, it-televiżjoni u r-radju, l-isptarijiet u l-universitajiet), l-injezzjonijiet kapitali, is-Sħubijiet Pubbliċi-Privati, il-flussi tal-UE, id-dokumentazzjoni tal-garanziji, u l-kwalità kumplessiva tal-maniġment tal-flussi upstream tad-dejta. Qed tingħata attenzjoni partikolari lill-Istati Membri bi strutturi diċentralizzati, bħal reġjuni awtonomi. Kull żjara twassal għal għadd ta' punti ta' azzjoni għall-Istat Membru. Maż-żmien, l-implimentazzjoni ta' dawn il-punti ta' azzjoni twassal għal titjib fil-kwalità tad-dejta. Is-sejba finali f'kull żjara ta' djalogu, inkluża deskrizzjoni tal-punit ta' azzjoni maqbula, u s-sitwazzjoni attwali, tintbgħat lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u tiġi ppubblikata fil-websajt tal-Eurostat.

Iż-żjajjar metodoloġiċi isiru biss fejn l-Eurostat tkun identifikat riskji jew problemi sinifikanti fir-rigward tal-kwalità tad-dejta, speċjalment b'konnessjoni mal-metodi, il-kunċetti jew il-klassifikazzjonijiet użati. Ma saru l-ebda żjajjar metoloġiċi bħal dawn matul l-2012.

2.2.3. *Pariri speċifiċi mill-Eurostat*

L-Istati Membri regolarment jikkonsultaw lill-Eurostat biex jiċċaralhom għadd ta' kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-kontijiet nazzjonali b'konnessjoni ma' operazzjonijiet futuri jew passati. L-Eurostat jipprovdi l-pariri skont il-linji gwida eżiztenti. Biex jikkonforma mad-dispożizzjoni dwar it-trasparenza fir-Regolament (KE) Nru 479/20009, kif emendat, l-Eurostat jippubblika l-pariri tiegħu[10], sakemm l-Istat Membru inkwistjoni ma jqajjimx xi oġġezzjoni. L-Eurostat ippubblika l-parir li ġej fl-2012: it-trattament tal-kontijiet ta' injezzjonijiet ta' kapital f'banek Irlandiżi, it-trattament ta' injezzjoni ta' kapital ("Gesellschafterzuschuss") u garanzija tal-istat mogħtija lil KA Finanz AG fl-Awstrija, id-dokumentazzjoni statistika tar-ripagamenti bikrija tas-self fuq il-proprjetà b'rati ta' skambju prefernzjali u r-ribass fiskali relatat fl-Ungerija, id-dokumentazzjoni ta' obbligi ta' ħlas stabbiliti b'deċiżjoni mill-Qorti b'effett b'lura fir-Rumanija, it-trattament metodoloġiku ta' injezzjonijiet governattivi fir-riżervi ta' revalwazzjoni tal-Bank Magyar Nemzeti fl-

[10] Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/methodology/advice_member_states

Ungerija, u d-dokumentazzjoni tal-ħlasijiet relatati mar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet soċjali maħdumin b'mod skorrett fir-Rumanija fl-2011-2012.

2.2.4. *Kwistjonijiet metodoloġiċi riċenti*

Bħas-soltu, l-Eurostat fela mill-qrib l-applikazzjoni tar-regoli ESA95 u, b'mod partikolari, l-aktar regoli riċenti tagħha. Dawn id-deċiżjonijiet huma inlużi fil-Manwal dwar id-Defiċit u d-Dejn tal-Gvern, li l-aktar verżjoni riċenti tiegħu ġiet ippubblikata f'Marzu 2012[11], u li issa hija suġġetta għal proċess ta' aġġornament annwali.

F'Lulju 2012, l-Eurostat ippubblika d-deċiżjoni tiegħu dwar "*The statistical recording of some operations related to trade credits incurred by government units*"[12].

F'April 2012 l-Eurostat ippubblika nota ta' gwida dwar "*The impact on EU Governments' deficit and debt of the decisions taken in the 2011-2012 European summits*"[13]. F'Lulju 2012, in-nota dwar "*The impact of bank recapitalisation on government finance*"[14], ikkompletat lil dik ta' qabilha, u pprovdiet gwida dwar l-injezzjonijiet tal-kapital fil-banek u l-klassifikazzjoni tal-"banek falluti" sostnuti mill-gvern.

2.2.5. *Konsistenza fil-kontijiet sostenenti tal-gvern*

L-iskadenzi tan-nofitiki tal-1 ta' April u l-1 ta' Ottubru ffissati bir-Regolament (KE) Nru 479/2009 kif emendat, iddaħħlu sabiex jiżguraw il-konsistenza mal-kontijiet settorjali sostenenti tal-gvern annwali u ta' kull kwart, kif irrappurtat lill-Eurostat f'għadd ta' tabelli ta' trażmissjoni tal-ESA95. L-Eurostat sistematikament janalizza l-konsistenza tan-notifiki tal-EDP mal-kontijiet settorjali sostenenti tal-gvern. Pereżempju, l-infiq u d-dħul totali tal-gvern għandhom jaqblu maċ-ċifra rrappurtata tad-defiċit.

Il-konsistenza kumplessiva tad-dejta tal-EDP mal-kontijiet tal-gvern ESA95 irrappurtati ttejbet f'dawn l-aħħar snin, anki jekk għadha aħjar fil-każ tad-dejta mhux finanzjarja minn dik finanzjarja. Fir-rappurtar ta' Ottubru 2012, il-konsistenza bejn iċ-ċifri tal-EDP u t-tabelli tal-ESA (kemm fil-livell annwali u dawk ta' kull kwart) kienet kompleta fil-każ tad-dejta mhux finanzjarja. Madankollu, għad jinħtieġu sforzi mill-Istati Membri biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-EDP u t-tabella tal-ESA fir-rigward tad-dejta finanzjarja. Feġġew inkosistenzi ċari bejn id-dejta tal-EDP u l-kontijiet finanzjarji ta' kull kwart fir-rappurtar ta' Ottubru 2012 fil-każ ta' sitt Stati Membri, u kien hemm inkonsistenzi bejn id-dejta tal-EDP u l-kontjiet finanjarji annwali tal-ESA fl-istokk tar-responsabbiltajiet tal-krediti kummerċjali u l-avvanzi

[11] Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/product_details/publication?p_product_code=KS-RA-12-003

[12] Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/Statist.record.of_some_operations_rel.to_trade_credits_i.pdf

[13] Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/Note_on_statistical_implications_of_summits-updated-12_A.pdf

[14] Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/The_impact_of_bank_recapitalisations_on_government_fina1.pdf

f'terz tal-Istati Membri. Il-livell ta' konsistenza tad-dejn tal-EDP u d-dejn ESA tal-gvern ta' kull kwart kien komplut għall-Istati Membri kollha.

2.3. Pubblikazzjoni

2.3.1. Pubblikazzjoni taċ-ċifri titolari u tabelli tar-rappurtar dettaljati

L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, kif emendat, jgħid: *"Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tipprovdi d-dejta attwali dwar l-iżbilanċ u d-dejn tal-gvern għall-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv, fi żmien tliet ġimgħat wara l-iskadenza tat-termini perentorji tar-rappurtar (...). Dik il-fornitura ta' dejta għandha titwettaq permezz ta' pubblikazzjoni."*

Id-dejta dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern ġiet ippubblikata fis-23 ta' April[15] u l-22 ta' Ottubru[16] 2012 flimkien mat-tabelli ta' rappurtar, kif notifikat mill-Istati Membri. Minn Jannar 2012, Eurostat ippubblika stqarrija għall-istampa fuq id-dejn ta' Maastricth ta' kull kwart, f'madwar T+115 jum.

L-Eurostat ippubblika wkoll fil-websajt tiegħu l-istatistika finanzjarja governattiva annwali u ta' kull tliet xhur li fuqha tissejjes id-dejta tal-EDP, flimkien ma' nota dwar l-aġġustamenti bejn l-istokk u l-fluss[17]. Barra minn hekk, l-Eurostat ippubblika l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-inverventi governattivi fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja[18] u d-dejta dwar is-self intergovernmentali. F'Ottubru 2012, l-Eurostat ippubblika għall-ewwel darba nota dwar l-istokk tar-responsabbiltajiet tal-krediti kummerċjali u l-avvanzi[19].

Skont ir-Regolament (KE) Nru 479/2009 kif emendat, l-Istati Membri għandhom jesponu għall-pubbliku d-dejta attwali tagħhom dwar id-defiċit u d-dejn. L-Istati Membri kollha jippubblikaw ċifri dwar id-defiċit u d-dejn fil-livell nazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw lill-Eurostat il-prassi li jippubblikaw it-tabelli tar-rapporti kollha tagħhom. Ħames Stati Membri ppubblikaw biss xi tabelli tar-rapporti, u Stati Membru wieħed, Franza, ma jippubblikax it-tabelli tal-EDP fil-livell nazzjonali.

2.3.2. Riżervi dwar il-kwalità tad-dejta

L-Eurostat esprima żewġ riżervi dwar il-kwalità tad-dejta notifikata mill-Irlanda fin-notifika ta' April 2012. Iż-żewġ riżervi ġew irtirati fil-perjodu ta' valutazzjoni ta' Ottubru 2012.

L-**Irlanda**: L-Eurostat irtira riżerva speċifika, espress f'April 2012, dwar id-dejta rrapportata mill-Irlanda, relatata mal-fatt li l-pjanijiet tar-ristrutturizzazzjoni tal-Allied Irish Banks u Irish Life & Permanent (fl-2012 imsemmi mill-ġdid Permanent TSB) ma kinux għadhom tlestew. L-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika tal-Irlanda u l-Eurostat stħarrġu l-pjanijiet ta' ristrutturuzzazzjoni mibgħuta lill-awtoritajiet tal-

---

15 Ara:http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/2-23042012-AP/EN/2-23042012-AP-EN.PDF

16 Ara :http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/2-22102012-AP/EN/2-22102012-AP-EN.PDF

17 Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/STOCK_FLOW_2012_OCT/EN/STOCK_FLOW_2012_OCT-EN.PDF.

18 Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/excessive_deficit/supplementary_tables_financial_turmoil

19 Ara: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/documents/Note_on_AF.71L-Oct_2012.pdf

Kompetizzjoni tal-UE. Dawn il-pjanijiet jiffurmaw bażi xierqa għall-qasma tal-injezzjonijiet ta' Lulju 2011 fl-Allied Irish Banks u Permanent TSB f'komponenti li jżidu u li ma jżidux id-defiċit. Dan ġie implimentat fid-dejta reveduta rrappurtata mill-Irlanda.

L-Eurostat irtira wkoll riżerva speċifika, espressa f'April 2012, dwar id-dejta rrapportata mill-Irlanda, dwar il-klassifikazzjoni statistika ta' National Asset Management Agency Investment Limited (NAMA-IL). Abbażi tad-dokumenti pprovduti mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika tal-Irlanda, NAMA-IL għandha sieda maġġoritarja privata, wara l-bejgħ ta' Irish Life u l-interessi tagħha f'NAMA-IL lil investitur privat. Din hija kundizzjoni neċessarja għal entità b'għan speċjali sabiex tiġi kklassifikata 'l hinn mis-settur tal-Gvern Ċentrali, skont id-deċiżjoni tal-Eurostat tal-15 ta' Lulju 2009 dwar l-interventi pubbliċi matul il-kriżi finanzjarja.

2.3.3. Emendi tad-dejta rrapportata

L-Eurostat emenda d-dejta rrappurtata mir-Renju Unit fin-Notifika tal-EDP ta' April 2012. Din l-emenda ġiet irtirata fil-perjodu ta' valutazzjoni ta' Ottubru 2012.

Ir-**Renju Unit**: L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika tar-Renju Unit reġa' kklassifika lil Bradford & Bingley u Northern Rock Asset Management fis-settur tal-Gvern Ċentrali, b'mod konformi mal-kapitolu dwar l-annullament (defeasance) finanzjarju tal-Manual on Government Deficit and Debt. Minħabba f'hekk, l-Eurostat ma baqax jemenda d-dejta dwar id-defiċit u d-dejn irrappurtata mir-Renju Unit fir-rigward tal-istrutturi ta' annullament (defeasance) finanzjarju pubbliku.

2.3.4. Pubblikazzjoni tal-metadejta (inventarji[20])

Ir-Regolament (KE) Nru 479/2009 kif emendat, jispeċifika li l-inventarji tal-EDP huma fost l-informazzjoni statistika li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri biex tippermetti lill-Eurostat jikkontrolla l-konformità mar-regoli tal-ESA95. Barra minn hekk, jistipula li l-pubblikazzjoni nazzjonali mandatorja ta' dawn l-inventarji. L-Eurostat ippubblika l-inventarji tal-Istati Membri kollha. Għajr għal-Lussemburgu u l-Pajjiżi l-Baxxi, l-Istati Membri kollha rrappurtaw li ppubblikaw l-inventarji tal-EDP fil-livell nazzjonali.

Fl-2012, l-Eurostat daħħal format ġdid tal-inventarju tal-EDP, li jkun jinvolvi bidliet strutturali u jirrikjedi informazzjoni aktar dettaljata (pereżempju, fir-rigward tal-proċeduri tal-kompilazzjoni, id-deliminazzjoni tas-settur tal-gvern ġenerali, tranżazzjonijiet speċifiċi, maniġment ta' kwalità, u sorsi ta' dejta upstream, eċċ.). L-inventarji l-ġodda tal-EDP se jiġu ppubblikati mill-Eurostat sa tmiem l-2013.

3. KONKLUŻJONI

L-Eurostat ilu jintroduċi emendi u/jew riżervi dwar il-kwalità tad-dejta rrappurtat sa mill-2006. Għall-ewwel darba, f'Ottubru 2012, l-Eurostat la esprima riżervi u lanqas emenda d-dejta fin-notifika tal-EDP. Barra minn hekk, iż-żewġ riżervi espresso dwar l-Irlanda, u l-emenda tad-dejta fil-każ tar-Renju Unit f'April 2012, ilkoll ġew irtirati fin-notifika tal-EDP ta' Ottubru 2012.

L-Eurostat jagħraf it-titjib kumplessiv fil-konsistenza u l-kompletezza tad-dejta rrappurtata. Madankollu, xi kwistjonijiet baqgħu hemm, u l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforzi akbar biex itejbu l-kopertura u l-kwalità tal-krediti kummerċjali

[20] Inventarji tal-metodi, il-proċeduri u s-sorsi użati fil-kompilazzjoni tad-dejta dwar id-defiċit u d-dejn attwali u l-kontijiet sostenenti tal-gvern.

rrapportati u l-kompletezza tad-dejta dwar il-livelli governattivi subnazzjonali. Barra minn hekk, l-Eurostat qed jissorvelja mill-qrib is-sistema tar-rappurtar minn reġjuni awtornimi u d-dokumentazzjoni tal-interventi mittieħda mill-gvern fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek).

Kollox ma' kollox, l-Eurostat jikkonkludi li l-progress dwar il-kwalità tar-rappurtar tad-dejta fiskali tkompla fl-2012. B'mod ġenerali, l-Istati Membri pprovdew informazzjoni aħjar, kemm fit-tabelli tan-notifika tal-EDP kif ukoll f'ritorni statistiċi rilevanti oħra.